REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/894

tas-7 ta' Ġunju 2022

li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

A. **TALBA**

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament bażiku"), biex tinvestiga l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings iwweldjati tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, u biex tagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni.

(2) It-talba ġiet ippreżentata fil-25 ta' April 2022 mid-Defence Committee of the Stainless steel butt-welding Fittings industry of the European Union ("l-applikant").

B. **PRODOTT**

(3) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħra, bl-akbar dijametru estern li ma jaqbiżx l-406,4 mm u ħxuna tal-ħajt ta' 16 mm jew inqas, b'medja tal-ħruxija (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux inqas minn 0,8 mikrometru, mhux bi flanġijiet, kemm jekk lest kif ukoll jekk le, ikklassifikati fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 [2] taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 (kodiċijiet TARIC 7307 23 10 15, 7307 23 10 25, 7307 23 90 15, 7307 23 90 25) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li l-miżuri fis-seħħ bħalissa japplikaw għalih.

(4) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda kkonsenjat mill-Malażja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le, u li bħalissa jaqa' taħt l-istess kodiċijiet NM bħall-prodott ikkonċernat (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 35, 7307 23 10 40, 7307 23 90 35, 7307 23 90 40) ("il-prodott li qed jiġi investigat").

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 tas-26 ta' Jannar 2017 li jimponi dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU L 22, 27.1.2017, p. 14).

C. **MIŻURI EŻISTENTI**

(5) Il-miżuri li huma fis-seħħ attwalment u li possibbilment qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tagħhom huma miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 ("il-miżuri eżistenti"). Fis-26 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni bdiet rieżami tal-iskadenza tal-miżuri eżistenti f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku billi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

D. **RAĠUNIJIET**

(6) It-talba fiha provi biżżejjed li qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat.

(7) Il-provi fit-talba juru bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ u mill-Malażja lejn l-Unjoni. Id-*data* tal-importazzjoni pprovduta fit-talba wriet bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ u mill-Malażja lejn l-Unjoni wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat. L-esportazzjonijiet mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat lejn l-UE naqsu filwaqt li fl-istess ħin l-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott investigat lejn il-Malażja żdiedu u l-esportazzjonijiet Malażjani lejn l-UE żdiedu b'mod sinifikanti mill-impożizzjoni tal-miżuri fis-26 ta' Jannar 2017. Jidher li ma hemmx biżżejjed raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika għal din il-bidla ħlief l-impożizzjoni tal-miżuri. Tabilħaqq, skont l-evidenza pprovduta mill-applikant, il-bidla dehret li ġejja mit-trasbord tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ lejn il-Malażja u minn hemm lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, l-applikant sostna li l-produzzjoni ġenwina tal-prodott li qed jiġi investigat fil-Malażja hija limitata għal żewġ produtturi biss li l-esportazzjonijiet ikkombinati tagħhom lejn l-Unjoni kienu konsistentement ħafna aktar baxxi mill-volumi tal-prodott investigat esportati mill-Malażja lejn l-Unjoni milli huma minn meta ġew imposti miżuri fuq il-prodott ikkonċernat. L-applikant issottometta evidenza li tqajjem dubji dwar l-eżistenza ta' faċilitajiet reali ta' produzzjoni ta' kumpaniji li huma proprjetà Ċiniża fil-Malażja. Barra minn hekk, l-applikant ipprovda evidenza li l-produtturi Ċiniżi qed jipproponu fil-beraħ li jibdlu l-oriġini tal-prodott ikkonċernat minn waħda Ċiniża għal dik tal-Malażja.

(8) Aktar minn hekk, l-evidenza turi li minħabba din il-prassi deskritti hawn fuq l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiddgħajfu kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll f'termini ta' prezzijiet. Jidher li daħlu volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

(9) Fl-aħħar, l-evidenza turi li l-prezzijiet tal-prodott li qed jiġi investigat huma oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott ikkonċernat.

(10) Jekk il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni li huma koperti bl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dawk imsemmija hawn fuq, jiġu identifikati matul l-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri dawn il-prattiki wkoll.

E. **PROĊEDURA**

(11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżistu provi biżżejjed li jiġġustifikaw il-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u biex l-importazzjonijiet tal-prodott investigat isiru soġġetti għal reġistrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(12) Sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa għal din l-investigazzjoni, jenħtieġ li l-partijiet interessati kollha jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux aktar tard mil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. Il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha. Jekk ikun meħtieġ, tista' wkoll tintalab informazzjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(13) L-awtoritajiet tal-Malażja u tar-RPĊ se jiġu nnotifikati bil-ftuħ tal-investigazzjoni.

([3]) ĠU C 40, 26.1.2022, p. 1.

(a) **Ġbir ta' informazzjoni u seduti ta' smigħ**

(14) Il-partijiet interessati kollha inkluż l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi u kwalunkwe assoċjazzjoni rilevanti huma mistiedna jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn dment li dawn is-sottomissjonijiet isiru fi żmien l-iskadenza prevista fl-Artikolu 3(2). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dment li jippreżentaw talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn jenħtieġ li jinstemgħu.

(b) **Talbiet għal eżenzjonijiet**

(15) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni.

(16) Peress li ċ-ċirkomvenzjoni possibbli sseħħ barra mill-Unjoni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi tal-prodott investigat fil-Malażja li jistgħu juru li mhumiex involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni kif definit fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Jekk ikun hemm produtturi li jkunu jixtiequ jiksbu eżenzjoni jenġtieġ li jippreżentaw ruħhom fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Kopji tal-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-kwestjonarju tal-formola tat-talba għal eżenzjoni għall-produtturi esportaturi fil-Malażja u l-kwestjonarji għall-importaturi fl-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2606. Il-kwestjonarji jridu jiġu ppreżentati fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

F. **REĠISTRAZZJONI**

(17) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk mill-investigazzjoni jirriżulta li tkun ikkonstatata ċirkomvenzjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji anti-dumping, li ma jaqbiżx id-dazju residwu impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141, mid-data li fiha tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(18) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, jenħtieġ li jiġu ddikjarati l-limiti ta' żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni, jippreżentaw kwestjonarji, jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub jew kwalunkwe informazzjoni oħra li trid tiġi kkunsidrata matul l-investigazzjoni,

— il-produtturi fil-Malażja jkunu jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet jew miżuri,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(19) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-partijiet jippreżentaw lilhom infushom fil-limiti ta' żmien indikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(20) Jekk xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti ta' żmien stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, il-konstatazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(21) Jekk jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni ma għandhiex titqies u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(22) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u, għaldaqstant, il-konstatazzjonijiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

I. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(23) L-investigazzjoni se tiġi konkluża, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

J. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(24) Ta' min jinnota li kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(25) Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni tinsab disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/.

K. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(26) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jaf tfeġġ matul il-proċediment.

(27) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qegħdin jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li talba għal seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

(28) Kwalunkwe talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta malajr kemm jista' jkun wara li jseħħ l-avveniment li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-oqfsa ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għaliex dawn it-talbiet ikunu saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawk il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

(29) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ KUMMERĊ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qiegħda tinfetaħ investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom f'normi oħra, bl-akbar dijametru estern li ma jaqbiżx 406,4 mm u ħxuna tal-ħajt ta' 16 mm jew inqas, b'medja ta' ħruxija (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux inqas minn 0,8 mikrometru, mhux bil-flanġijiet, kemm jekk lesti kif ukoll jekk le, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 ikkunsinjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le (TARIC codes 7307 23 10 35, 7307 23 10 40, 7307 23 90 35, 7307 23 90 40), humiex qed jiċċirkomvenzjaw il-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 2

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni tista' tordna lill-awtoritajiet doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' prodotti magħmula minn esportaturi/produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata eżenzjoni.

Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju, talbiet għal eżenzjonijiet, jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

3. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum. Għas-seduti dwar l-istadju tal-bidu tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex tinstema', kwalunkwe talba trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba.

4. L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni li tkun soġġetta għal drittijiet tal-awtur ta' terzi, il-partijiet interessati jridu jitolbu permess speċifiku mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti espliċitament (a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-fini ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u (b) li tingħata l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'forma li tippermetti li jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom.

5. Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "Sensitive" ([5]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

6. Il-partijiet li jagħtu informazzjoni "Sensitive" huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties". Dawn is-sommarji għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

7. Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u tal-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

8. Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi talbiet biex jiġu rreġistrati bħala partijiet interessati, dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni.

Sabiex ikollhom aċċess għal TRON.tdi, il-partijiet interessati jkollhom bżonn kont tal-EU Login. L-istruzzjonijiet kollha dwar kif wieħed jirreġistra u juża TRON.tdi jinsabu hawnhekk: https://webgate.ec.europa.eu/tron/resources/documents/gettingStarted.pdf.

([5]) Dokument "Sensitive" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf.

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu u għandhom jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz tal-posta elettronika tax-xogħol uffiċjali li jiffunzjona u li jiġi vverifikat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni se tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, dment li ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew dment li n-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmijin hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi

Posta elettronika: TRADE-R777-SSTPF-MALAYSIA@ec.europa.eu

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN